MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2008

Numru 20/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**

**Vs**

**Francis Cuschieri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijet li permezz taghhom Francis Cuschieri ta’ 33 sena bin Joseph u Carmen nee Mizzi, imwieled Pieta’ fit-18 ta’ Awissu 1970, u joqghod No.147, Triq Salvu Psaila, Birkirkara, jew No 56, Flat 2, Triq id-Dejqa, il-Belt – Valletta, detentur tal-karta ta’ l-identita’ b’numru 388070(M).

Billi huwa akkuzat talli: fit-18 ta' Ottubru 2003, fil-Belt Valletta :-

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' delitt u cioe' ta' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Vincent Arnaud li kien ufficcjal pubbliku jew kien inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku jew li hu jew kien ufficjal jew impjegat ta' korp kostitwit b'ligi meta r-reat ikun sar minhabba li dik il-persuna kienet ghamlet id-dmirijiet tal-kariga taghha, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u independenti mill-volonta' tal-hati u dan bi ksur ta' Artikoli 41, 216, 217 u 222(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Hebb ghal Vincent Arnaud sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara u dan bi ksur ta' l-artikolu 339(d) u (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
3. Volontarjament kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u glied u dan bi ksur ta' l-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
4. Qal fil-pubbliku kliem indecenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku u dan bi ksur ta' l-artikoli 338(bb) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas l-gieh ta' Vincent Arnaud weggghu bi kliem b'gesti jew b'mod iehor u dan bi ksur ta' l-artikolu 252(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
6. Imbotta lil imsemmi Vincent Arnaud sabiex iweggghu jew jinsulentah u dan bu ksur ta' l-Artiklu 339(1) tal-Kar 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Kellu fil-pussess tieghu arma li tkun taqta u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kumissarju tal-Pulizija u dan bi ksur ta' Artikoli 15 u 18 ta' l-Ordinanza dwar l-armi;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Vincent Arnaud u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok RM1 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-Prosekuzzjoni qieghda tirtira is-seba' (7) akkuza migjuba kontra l-imputat.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat, fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu, iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv is-seba' (7) akkuza li giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv is-seba' (7) akkuza li giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 41(a), 216, 217, 222(1)(c), 339(1)(d), 339(1)(e), 338(dd), 338(bb), 342, 252(1) u 339(1)(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Francis Cuschieri, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel (1) akkuza, it-tieni (2) akkuza, it-tielet (3) akkuza, ir-raba' (4) akkuza, il-hames (5) akkuza u is-sitt (6) akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat Francis Cuschieri ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Francis Cuschieri jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward is-seba’ akkuza migjuba kontra l-imputat din l-akkuza giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Francis Cuschieri b’obbligazzjoni personali ta’ mitejn u tnejn u tletin Euro u erba’ u disghin centezmu ta’ Euro (Euro 232.94) li jzomm il-kwiet ma’ Vincent Arnaud u li jzomm il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Francis Cuschieri l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------